MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1700/2010

**Gian Carl Bonnici**
**li ghandu l-karta tal-identita’ numru 286291M**

**vs**

**Raymond Axiaq li ghandu l-karta tal-identita’**
**numru 663560M u Pronto Plastering Limited (C17364)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-6 ta Dicembru 2010, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef, erba' mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmu (€3,494.06) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------